70

1

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 36/14 (JE).

Pauline Grima

vs

Sarex Trading and Operations Ltd.

Illum, 14 ta' April 2014.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Pauline Grima tat-13 ta' Frar 2014 fejn lmentat illi fit-3 ta' Diċembru 2013 xtrat żarbun mingħand is-soċjetà konvenuta illi wara li ntlibes biss darbtejn ħariġlu difett fejn il-ħjata. Meta ż-żarbun ġie rritornat lis-soċjetà konvenuta, din qaltilha illi ma jissewwiex u ma għandu xejn ħażin. L-attriċi ppretendiet li ż-żarbun jinbidel fil-każ illi ma jissewwiex.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta illi permezz tagħha ċaħdet illi ż-żarbun kellu xi difett u tat l-assigurazzjoni illi n-nies tagħha mħarrġa sew u kieku raw xi difett ma kienux jiddejqu jibgħatuh barra minn Malta għand min għamlu sabiex issewwieh. Qalet ukoll illi biegħet ħafna żraben ta' din id-ditta u qatt ma jkollha lmenti.

Ra l-provi tal-attriċi peress illi s-soċjetà konvenuta straħet fuq ir-risposta tagħha.

It-Tribunal verament ma seta' jirriskontra l-ebda difett fiż-żarbun in kwistjoni ħlief għal deterjorament normali kkawżat minn użu tiegħu.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jiċħad it-talbiet tal-attriċi bl-ispejjeż kontriha.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070